MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 381/2003

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Oilver Osthus u martu**
**Marisa Osthus**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm468.58c (erba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm445.48c (erba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12056230012 u kwantu ghas-somma ta' Lm23.10c (tlieta u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12056230023, u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-hlas effettiv.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jikkundanna lill-konvenuti ‘in solidum’ bejniethom, jhallsu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ Lm468.58c (erba’ mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ‘in solidum’ bejniethom inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Settembru 2002 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, bl-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2002 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ‘in solidum’ li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata fit-2 ta’ Gunju, 2003 li permezz taghha, stante pagament akkont fil-mori tal-kawza, s-socjeta’ attrici rriduciet is-sorte bis-somma ta’ Lm110.00c ( mija u ghaxar liri Maltin), u fl-istess hin zammet ferm it-talba ghall-bilanc tas-sorte, kif ukoll it-talba ghall-ispejjez u l-imghax kif mitluba fl-Avviz.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici fl-ammont ta’ Lm358.58c (tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu), kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------